# Knejjes Żgħar fil-Gudja fl-Imgħoddi

Meta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, fl-1530, kien hawn numru kbir ta' kappelli żgħar imxerrdin mal-pajjiż. Ma nafux kif bdew ħafna minnhom u lanqas għal liema raġuni kienu jinbnew tant kappelli. Jista' jkun li kienu jinbnew minn xi benefattur għall-bżonnijiet reliġjużi ta' komunitajiet ta' ftit nies. Fil-fatt f'Malta kont issib ħafna rħula żgħar, xi wħud minhom kienu jikkonsistu fi ftit irziezet. Fl-inħawi tal-Gudja stess ismijiet bħal Ħal Qadi, Ħas-Saptan u Ħal Resqun għadhom ifakkruna f'dawn l-irħula minsijin. Dawn l-irħula żgur li kienu tant ċkejknin li la kellhom bżonn knejjes kbar u lanqas ma kienu jifilħu ekonomikament biex iżommuhom. Mill-banda l-oħra, jista' jkun li xi wħud kienu jinbnew biex sidhom jiġi midfun fihom, ngħidu aħna bħal ma xi wħud jibnu kappelli fiċ-ċimiterji.[1] Xi wħud kienu jinżammu mill-fidili stess bla ma kellhom propjetà jew dħul. Forsi dawn ġew mibnija mill-komunità għax kienet tinħass il-ħtieġa tagħhom u mhux minn individwi.

Fl-1575 insibu rapport li jiddeskrivi l-Knisja f'Malta. X'kien hemm qabel diffiċli jew impossibbli li ssibu għax ħafna ġrajjiet ma kienux jinkitbu, u jekk issib informazzjoni aktarx tkun fragmentata u skarsa. F'din is-sena l-Papa Gregorju XIII bagħat lill-Monsinjur Pietru Dusina biex jagħmel viżta Appostolika f'Malta u dan għamel spezzjoni u ta ordnijiet biex jittieħdu passi li deherlu li kien hemm bżonn. Huwa ppreżenta rapport iddettaljat lill-Papa ta' dak li ra u nnota f'Malta. Wara din id-data nibdew insibu dejjem aktar dokumenti. L-isqfijiet bdew jagħmlu viżti pastorali regolarment u jżommu rapporti bil-miktub dwar il-knejjes, kappelli u l-istat tal-fidili fid-diversi parroċċi. Hekk l-istampa ta' l-imgħoddi tibda timtela bid-dettalji u wieħed jista' jfittex, ngħidu aħna, meta nbniet kappella ġdida, inkella twaqqaf artal ġdid, jew meta, għall-kuntrarju, kappella ġiet ipprofanata u bil-mod il-mod għebet għal kollox.

Fil-Gudja, fl-1575, kien hemm madwar disa' kappelli fir-raħal u l-Knisja ta' Loretu li kienet tgħodd mal-knejjes rurali.[2] F'dan l-artiklu miniex se nitkellem dwar il-ħames kappelli li kien hemm madwar il-Knisja Parrokkjali l-qadima[3] u lanqas dwar il-knejjes iddedikati lil-Lunzjata.[4] F'dik is-sena l-Gudja kienet raħal ta' tmenin dar, u allura l-proporzjon ta' knejjes għall-popolazzjoni jidher li kien għoli ħafna. Għalkemm wara din id-data l-Gudja kibret sew fil-popolazzjoni, il-kappelli, bil-mod il-mod, bdew jispiċċaw sakemm illum baqa' biss tnejn minnhom weqfin, il-Knisja tal-Lunzjata u



*Il-kappella ta' Santa Marija ta' Birmiftuħ – l-unika kappella medjevali li baqa' fir-raħal.*

l-Knisja ta' Santa Katerina. Iżda anke dawn il-knejjes kienu ġew imwaqqgħin u mibnijin mill-ġdid, l-istess bħal ma ġara fil-Knisja ta' Loretu. Mela nistgħu ngħidu li ma baqax kappelli medjevali fir-raħal, barra mill-Knisja Parrokkjali l-antika.

Nibdew minn grupp ta' żewġ knejjes li kienu mibnija ma' ġenb xulxin, waħda ddedikata lil **Marija Assunta** u l-oħra lil **San Nikola**. Fir-rapport tiegħu Monsinjur Pietru Dusina kiteb li kellhom artal wieħed biss. L-ebda waħda minnhom ma kellha bieb tal-injam. Ordna li jsiru l-bibien ta' l-injam u li ma jintużawx għal ċerimonji reliġjużi sa ma jsir dan. Din ittina idea ta' kappelli żgħar u aktarx traskurati, idea li ġiet ikkonfermata mill-viżti pastorali ta' wara.

Fl-1615 insibu deskrizzjoni xi ftit iżjed iddettaljata. Il-Knisja tal-Assunzjoni hija deskritta

bħala *parvum sacellum* jiġifieri knisja żgħira u fqira. Kienet aktar 'l isfel mil-livell tat-triq u biex tidħol fiha kont trid tinżel tliet tarġiet. L-altar kien ċkejken wisq[5], id-drapp ta' fuqu kien ta' l-għażel qadim b'figura ta' l-Assunzjoni. Il-bieb kien miksur. L-ikona kienet impittra fuq l-injam. Għal darba oħra l-isqof ordna li ma jsirux ċelebrazzjonijiet sakemm jiġi msewwi l-bieb. L-altar tal-knisja ta' San Nikola ġie deskritt ukoll bħala żgħir ħafna (*parvulo*) u l-bieb tal-Knisja ma kienx jissakkar. Fiż-żewġ knejjes kienet issir quddiesa u għasar nhar il-festa tal-qaddisin tagħhom. Fl-1656 insibu li l-pittura fuq l-injam li kellha l-kappella ta' l-Assunzjoni kienet tirrappreżenta *transitu et Assumptionis*.[6]

Il-kappelli tal-**Lunzjata, San Marcianu u San Nikola** kienu grupp ieħor ta' knejjes mibnijin biswit xulxin. Il-Viżitatur Appostoliku, fl-1575, sab li l-aħħar tnejn kienu fi stat ħażin ħafna. It-tnejn kellhom art iċċangjata iżda ma kellhomx bibien. In-nies, mid-devozzjoni tagħhom, kienu jieħdu ħsieb li tiġi ċċelebrata quddiesa f'dik ta' San Nikola f'jum dan il-qaddis. Ordna li ma jsirux aktar ċelebrazzjonijiet fiha sakemm jiġu pprovduti bibien biex il-knisja tingħalaq. Dik ta' San Marċjanu, li kienet tiġi bejn it-tnejn l-oħra, kienet fi stat agħar. Sa dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata quddiesa mid-devozzjoni tal-poplu, iżda fil-fatt riċentament dan ma kienx għadu jsir. Ordna li tiġi pprofanata u magħluqa biex ma tintużax b'mod li ma jixraqx. Ma nafux jekk l-ordni ġietx esegwita, iżda xi għoxrin sena wara reġgħet kienet fi stat ta' abbandun. Għal darba oħra ġie ordnat li tiġi pprofanata u l-bieb tagħha jiġi magħluq bil-ġebel.[7] Maż-żmien anke dawn iż-żewġ knejjes għebu, sa ma baqa' biss dik tal-Lunzjata li ġiet imwaqqgħa wkoll meta nbniet il-parroċċa l-ġdida.



*Dehra tal-Gudja mill-kampnar tal-Kappella tal-Madonna ta' Loretu*

Ħafna minna għadna niftakru ċ-ċimiterju ta' San Mark. Il-Knisja ta' **San Mark** kienet antika ħafna. L-ewwel darba li tissemma, fl-1575, kellha żewġ altari: il-maġġur li kien iddedikat lil San Mark u l-ieħor iddedikat lil San Bartilmew. Il-kappella kienet diġa fi stat ħażin ħafna. Ma kellhiex bibien u l-art tagħha ma kenitx iċċangjata. Xi kultant in-nies, minħabba d-devozzjoni tagħhom, kienu jieħdu ħsieb li jsiru ċelebrazzjonijiet fiha (jiġifieri dan ma kienx isir minn xi dħul jew renti tal-Knisja stess). Il-Viżitatur Appostoliku ordna li ma jsirux ċelebrazzjonijiet fiha qabel ma jkun hemm bibien li jistgħu jissakkru.

Ninnotaw li sa din is-sena waqt li l-artal il-maġġur ma kellu l-ebda propjeta' u ma kenitx issir festa fih nhar San Mark, l-artal tal-ġenb kellu għalqa li mid-dħul tagħha kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Bartilmew u kienu jsiru żewġ quddisiet. Mons. Dusina ordna li l-immaġini tiġi trasferita minn fuq l-artal tal-ġenb għall-maġġur, flimkien mal-quddies u li ma jsirux aktar ċelebrazzjonijiet fl-artal tal-ġenb. Madankollu il-viżti pastorali ta' wara juru li din il-knisja baqgħet fi stat ħażin.

L-Isqof Gargallo, meta żarha fl-1598, sab li kellha bżonn tibjida u li l-bejt kien joqtor bix-xita. Il-bibien ta' l-injam kienu miksura. Jikkummenta li din il-knisja kienet antika ħafna. Fiha kien hemm wisq nies midfuna li s-sena ta' qabel kienu mietu bil-pesta. L-Isqof Cagliares (1615) sab illi l-oġġetti ta' fuq l-altar kienu qodma u mqattgħin u l-bieb kien miksur. L-ikona kienet antika ħafna u kienet tirrapreżenta lil Ommna Marija, San Pawl u San Bartilmew. Jinnota wkoll li kien hemm ħafna oqbra fl-art u li kellha ċimiterju mdawwar b'ħajt. Dan l-Isqof ordna li ma jiċċelebrawx fiha qabel ma tkun ipprovduta b'kull ma kien hemm bżonn u jitpoġġa kanċell fil-bieb taċ-ċimiterju. Iżda fl-1636 l-Isqof Balaguer sab li l-artal kien għadu fi stat ħażin u li l-knisja kienet nieqsa minn kollox. Barra minn hekk, il-ħitan kienu f'periklu li jaqgħu. Fl-1656 ġiet ipprofanata. Insibu wkoll li kellha oqbra antiki ħafna, ta' mitejn u ħamsin sena, qabel ma dan ir-raħal kien parroċċa.[8] Kienu midfuna fiha ħafna li mietu bil-pesta fl-1592 u fl-1615. Nhar San Mark kienet issir purċissjoni min-nies tar-raħal għal dan iċ-ċimiterju.

Insibu li din il-knisja xi drabi kienet

tissejjaħ ta' San Mark, oħrajn ta' San Mark u San Bartilmew u wara bdiet tissejjaħ sempliċiment iċ-Ċimiterju ta' San Mark.

Il-Knisja ta' **San Mikiel** mhux dejjem kienet tissemma fil-viżti pastorali. Mons Gargallo, fl-1598, jiddeskriviha bħala fil-periklu li tiġġarraf u li s-saqaf kien irreparabbli. Kellha artal mingħajr ikona.[9] Kienet qrib il-Gudja u m'għandniex id-data ta' meta ġiet ipprofanata.[10] Meta kienet għadha wieqfa kienu jsiru quddiesa u għasar nhar il-festa. Fl-1592 ġew midfunin fiha ħafna vittmi tal-pesta, bħal ma sar f'kappelli oħra. Il-ġebel tagħha kien użat fil-bini tal-parroċċa l-ġdida, iżda l-pedamenti tħallew intatti sakemm, xi ftit qabel l-1680, ħaddied minn Bormla qalagħhom biex ikun jista' jikkoltiva l-art, ħaġa li kienet qajmet ħafna tgergir qalb in-nies. Skond din il-viżta kien jingħad li l-kwadru tagħha tpoġġa fil-Knisja parrokkjali tal-Birgu.[11]

Minn din l-informazzjoni naraw li dawn il-knejjes, fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu miżmumin ħażin ferm. Kien hemm bibien miksura jew nieqsa, attrezzamenti qodma u atmosfera ta' telqa li nħossuha mhux biss f'dawn il-kappelli iżda f'bosta oħrajn imxerrda ma' Malta kollha. Forsi dan kien effett ta' l-Assedju l-Kbir, li ġara għaxar snin biss qabel. Huwa probabbli ħafna li t-Torok, bħal ma serqu mid-djar u ħarqu l-uċuħ tar-raba', għamlu ħsara fil-knejjes.[12] Iżda din mhix l-unika raġuni, għax din it-traskuraġni baqgħet sejra ħafna u ħafna wara l-1565, kif nistgħu naraw mill-ġrajja tal-kappelli li qed nitkellmu fuqhom.

Aktarx ir-raġuni hi li meta l-persuna li tkun waqqfet il-kappella tiġi nieqsa, il-werrieta mhux dejjem juru l-istess interess fiha. L-ispejjeż biex jinżammu dawn il-knejjes kienu jiġu mid-dħul minn propjeta', aktarx xi għalqa, mħollija mill-fundatur jew minn xi benefattur. L-għelieqi kienu jintirtu u jibdlu l-idejn u għalhekk, jew bi traskuraġni jew b'rebgħa, l-obbligazzjonijiet marbutin magħhom ma kienux jiġu mwettqa. Mhux darba jew tnejn li l-Isqof kien jordna li jiġi eżaminat it-testment ta' xi benefattur. Inkella kien jammoni lil xi bidwi li jekk ma jwettaqx l-obbligazzjonijiet tiegħu, jiġu ssekwestrati l-uċuħ biex jinġabru l-flus dovuti.

Wara l-miġja tal-Kavallieri f'Malta, il-ħajja bdiet tinbidel b'mod aktar mgħaġġel. Insibu li għalkemm il-popolazzjoni bdiet tiżdied, in-numru ta' rħula kompla jonqos. Mela l-irħula ċkejknin spiċċaw u l-ibliet kibru ħafna. Fil-kampanja l-irħula l-kbar komplew jikbru wkoll. Insibu li nbnew ħafna knejjes ġodda li kienu ferm akbar u isbaħ minn ta' qabel. Twaqqfu parroċċi ġodda u nbnew il-knejjes parrokkjali tagħhom. Fil-każ tal-Gudja nbniet il-knisja parrokkjali l-ġdida wkoll waqt li dik ta' Bir Miftuħ u l-kappelli ta' madwarha bdew imorru lura. Il-kappelli ta' ġor-raħal naqsu fin-numru wkoll.

Il-propjeta' ta' dawn il-knejjes, anke ta' dawk madwar Birmiftuħ u l-quddies li kien isir fihom ġew trasferiti għall-parroċċa l-ġdida. F'ħafna każi anke l-ġebel tagħhom ġie użat fil-bini tagħha. Fl-1680 l-Isqof Michael Hieronymus Molina sab li fil-Knisja Parrokkjali l-ġdida kienu jsiru madwar tmien mitt quddiesa fis-sena li tħallew minn diversi persuni u kienu jiġu ċċelebrati l-funzjonijiet li qabel kienu jsiru fil-festi tal-qaddisin patruni tal-kappelli li kienu twaqqgħu jew ġew ipprofanati.

*Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li għinuni biex niġbor din l-informazzjoni, partikolarment l-istaff ta' l-Arkivji tal-Katidral ta' l-Imdina u tal-Kurja Arċiveskovili.*

**Paul Farrugia, M.A.**

**Noti:**

1. Ara T.F.C. Blagg and A. Bonanno, *Excavations at Ħal Millieri Malta,* Malta 1990.
2. Għal tagħrif dwar din il-kappella ara l-ħarġa tas-sena 1998.
3. Dawn il-kappelli ġew ittrattati fil-ħarġa tas-sena 2000.
4. Dawn il-kappelli ġew ittrattati fil-ħarġa tas-sena 1999.
5. *Angusto* tista' tfisser dejjaq jew ċkejken.
6. ***Transitu* tfisser *tgħaddi* u huwa wieħed mill-ismijiet antiki tat-Tlugħ is-Sema ta' Ommna Marija.**
7. V.P. 1595 u 1598.
8. V.P. 1680. "e circondata tutta da cimiterio ove vi sono sepolture antiche da due cento cinquanta, in quella parte prima che fosse parrochia in d.° Casale."
9. V.P. 1598.
10. V.P. 1680. "profanata molto tempo fa."
11. V.P. 1680.
12. Fil-Kappella ta' Ħal Millieri l-uċuħ tal-qaddisin fl-affreski ġew mutilati.